Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 276/2018: WESTERN COMPANY LTD (C19994) V. KURT CASSAR (KI. 756960M) U MARTIN CASSAR (KI. 51091M)

(AMMONT DOVUT – KAWŻA KONTRA ŻEWG KO-DEBITURI META L-KREDITUR JKUN DIĠA OTTJENA TITOLU EŻEKUTTIV FIL-KONFRONT TA' WIEĦED MINNHOM – IMGĦAX KOMPOST)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**8 ta' Frar 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Western Company Ltd ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2018,

wara li rat in-nota ta' ammissjoni intavolata minn Martin Cassar fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2019[1] u r-risposta ta' Kurt Cassar (it-tnejn li huma msejjħa "l-intimati") ippreżentata fis-17 ta' Jannar 2019[2],

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2020 l-avukati rispettivi tal-partijiet qablu illi wara li ġie ddikjarat magħluq il-ġbir tal-provi il-kawża setgħet titħalla għas-sentenza,

qed tagħti din is-

---

[1] Fol 11
[2] Fol 12

## Sentenza

1. Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma ta' għaxart elef, disa' mija u tletin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€10,930.85) rappreżentanti prezz ta' vettura *Honda Civic* mibjugħa u kkonsenjata lill-intimati. Talbet ukoll l-ispejjeż inklużi dawk ta' ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru uffiċjali 17/2018 u l-imgħaxijiet sal-data tal-pagament effettiv.

2. Fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2019 l-intimat Martin Cassar ippreżenta nota ta' ammissjoni li permezz tagħha "*ammetta t-talba tas-soċjeta attriċi kif dedotta".* [3]

3. L-intimat l-ieħor, Kurt Cassar, eċċepixxa fis-sustanza is-segwenti:

    1. Il-kawża hija frivola u vessatorja, nfetħet bla skop u għandha tbati l-ispejjeż tagħha r-rikorrenti għaliex din diġà għandha titolu eżekuttiv fil-konfront tal-intimat l-ieħor Martin Cassar (konsistenti fl-ittra maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 liema ittra huwa ma' kkontestax) u għalhekk kull ma' kellha tagħmel din kien illi tenforza t-titolu eżekuttiv tagħha permezz ta' mandat eżekuttiv kontrih,

    2. L-ammont pretiż mhux dovut u jmur kontra l-ftehim Ii kienu laħqu l-kontendenti.

**L-ewwel ħames eċċezzjonijiet tal-intimat Kurt Cassar**

4. L-ewwel ħames eċċezzjonijiet tal-intimat Kurt Cassar jiġbru fihom l-eċċezzjoni illi l-kawża infetħet għalxejn għaliex ir-rikorrenti diġà għandha titolu eżekuttiv fil-konfront tal-intimat l-ieħor Martin Cassar. Dan jikkonsisti fl-ittra uffiċjali taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 li r-rikorrenti ħarġet kontra l-intimati fil-11 ta' Jannar 2018[4]. Din l-ittra kienet ġiet notifikata lill-intimati iżda kien biss l-intimat Martin Cassar li naqas li jirrispondi għaliha biex b'hekk din ġiet reża eżekuttiva fil-konfront tiegħu.

5. L-ittra uffiċjali nħarġet għall-istess ammont mitlub f'din il-kawża (għaxart elef, disa' mija u tletin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€10,930.85)) iżda kien

[3] Fol 11
[44] Fol 2

jirrappreżenta "*import ta' kambjali Ii mmaturaw, flimkien mal-interessi relattivi, liema ammont huwa dovut hekk kif jirrizulta mill-kuntratt tal-bejgħ anness*".

6. Il-Qorti tifhem illi dan il-kuntratt ta' bejgħ huwa l-istess wieħed li ġie ppreżentat f'din il-kawża mid-direttur tar-rikorrenti, Charles Bianco, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019[5]. Dan il-kuntratt jidher li għandu bħala partijiet firmatarji lir-rikorrenti u lill-intimat Kurt Cassar iżda mhux lill-intimat l-ieħor li għalkemm jissemma bħala parti fil-parti tal-bidu tal-ftehim. mhuwiex firmatarju. Hu x'inhu l-ittra uffiċjali maħruġa *inter alia* kontra l-intimat l-ieħor Martin Cassar ġiet reża eżekuttiva fil-konfront tiegħu u għalhekk ir-rikorrenti diġà għandha titolu eżekuttiv li tista' tenforza sabiex titħallas is-somma sħiħa ta' €10,930.85.

7. L-intimat Kurt Cassar jargumenta li għalhekk ir-rikorrenti ma' kelliex għalfejn tiftaħ din il-kawża ukoll kontrih. Bir-rispett però l-Qorti ma' taqbilx. Ir-rikorrenti għandha kull dritt illi tipproteġi l-interessi tagħha billi tara li jkollha titolu eżekuttiv ieħor kontra **<u>debitur ieħor</u>** naxxenti mill-istess ftehim sabiex f'każ li hija ma' jirnexxiliex tiġbor id-dejn mingħand wieħed, tipprova tagħmel hekk mingħand l-ieħor. Huwa biss fil-konfront tal-intimat l-ieħor Martin Cassar illi r-rikorrenti verament ma' kelliex għalfejn tiftaħ din il-kawża ġaladarba hija kienet diġà ottjeniet titolu eżekuttiv fl-konfront tiegħu. Dan il-fatt sejjer għalhekk jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż għall-benefiċċju tal-parti li ġiet imsejjħa inutilment.

8. Għalhekk l-ewwel ħames eċċezzjonijiet tal-intimat Kurt Cassar sejrin jiġu miċħuda għaliex m'humiex fondati fid-dritt.

**L-eċċezzjoni l-oħra tal-intimat Kurt Cassar illi l-ammont mhuwiex dovut u jmur kontra l-ftehim Ii kienu laħqu l-kontendenti.**

9. Ir-rikorrenti ressqet bħala provi lid-direttur tagħha **<u>Charles Bianco</u>** li xehed kemm fis-seduta tal-4 ta' Frar 2019 u kif ukoll fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019. Fl-ewwel seduta huwa xehed illi l-intimati kienu marru għandu sabiex jixtru vettura *Honda Civic*:

*"Kurt Cassar kif ukoll Martin Cassar kienu gew l-ufficcju fejn ftehmna li tinbiegh din il-Honda. Rajna u ghamilna l-verification taghhom ... taghna u ghidna isma' biex il-vettura tista' tinbiegh, emm ... il-persuna l-ohra li kien Kurt Cassar kellu*

[5] Dok CB1 fol 24

*jiffirma wkoll ghaliex ahna fuq Martin Cassar dak iz-zmien ghal xi raguni ma stajniex nghadduha ...”*[6]

Spjega illi Kurt Cassar kien diġà xtara vettura oħra fil-passat mingħand il-kumpanija u din kienet tħallset kollha. Fuq il-vettura mertu ta’ din il-kawża però l-ammont baqa’ ma’ tħallasx kollu. Jgħid li tħallsu madwar “*tlett elef u xi ħaġa, xi 3,500”.* Xehed ukoll illi wara li beda jiġri wara l-intimati għall-ħlas:

*“Darba minnhom Kurt qalli isma’ ghax dik missieri kellu x’jaqsam maghha u ghidtlu isma’ la ffirmajtu t-tnejn, it-tnejn li intom responsabbli. Fejn hemmhekk Kurt Cassar kien dahal bhala guarantor ukoll.”*

Fit-tieni seduta x-xhud ippreżenta kopja tal-ftehim tal-bejgħ li jġorr id-data tal-11 ta’ Mejju 2019[7] u kif ukoll rendikont tas-somma dovuta[8]. Huwa elabora iktar dwar għalfejn, kif kien xehed fl-ewwel seduta, il-kumpanija ma’ setgħetx tgħaddi l-vettura lill-intimat Martin Cassar:

“*mela dan kien inxtrat il-karozza ... gie ghandna s-Sur Martin Cassar biex jixtri vettura, kien hemm ragunijiet ghaliex dawn ma tawhx ... ma setghux ituh loan, gie Kurt Cassar u l-karozza giet fuq Kurt Cassar u r-responsabbilta hija fuq Kurt Cassar imma meta dahlu fis-sistema kien dahal Martin Cassar ukoll.”*[9]

10. L-intimat **Kurt Cassar** xehed fis-seduta tat-30 ta’ Novembru 2020 u kkonferma illi:

*“Jien u missieri. Konna morna u xtrajna l- ewwel karozza tieghi kienet. U dik peress li kont ghadni taht l- eta’ kellu jixtriha qisu f’ ismu. Tajjeb? Issa dik il- karozza, l- Ford, dik hallastha kollha jien mhux problema. In the meantime li kont qed immur inhallas il- pagamenti kien jigi missieri mieghi ghax jien kien ghad m’ ghandix tmintax- il (18) sena, missieri kien ra din il- karozza l- Honda l-hamra dak iz- zmien kienet u xtaq li jixtriha... U peress li kellu l-karozza pendenti tieghi l- Ford ghadha mhux imhallsa kollha, qallu ma jistax jixtriha fuq ismu u kelli nidhol qisni jiena fiha biex taparsi qisni*

---

[6] Fol 16
[7] Fol 24
[8] Dok CB2 fol 25
[9] Fol 22

*ha nixtriha jiena ... Iffirmajt il- karti kollha jiena li ha nixtriha jiena. Pero' fil- verita' ma kinitx ghalija. Kienet ghal missieri"*[10]

**Kunsiderazzjonijiet**

11. Il-Qorti kellha l-opportunita tifli sew l-ftehim mertu ta' din il-kawża. Il-kuntratt jidher illi huwa wieħed hekk imsejjaħ *standard-form contract* fejn it-termini u l-kundizzjonijiet ikunu diġà ġew imposti minn qabel u kull ma' kellhom jagħmlu l-partijiet kien li jimlew id-dettalji tagħhom u ta' dak li ftehmu fuqu. Jidher però illi dawn irnexxielhom jikkumplikaw dak li fil-verità kellu jkun pjuttost sempliċi. Ibda biex, fil-parti tal-bidu, Charles Bianco jidher li qiegħed jirrappreżenta lil entita' bl-isem ta' *Gianluca Auto Dealers* bħala venditur, mentri imbagħad fil-parti t'isfel tal-kuntratt l-istess Charles Bianco jiffirma *"għan-nom ta' Western Co. Ltd".* Imbagħad għalkemm bħala kumpraturi fil-parti tal-bidu jidhru mniżżla "*Martin Cassar/Kurt Cassar*" huwa biss Kurt Cassar li ffirma l-kuntratt. Dan ma' kienx biżżejjed però, għaliex anke fil-prezz filwaqt li l-partijiet isemmu ċ-ċifra ta' "*€ 8,152.28 lira Maltin (Lm 3,500)*" imbagħad hemm indikat illi tali somma għandha titħallas *" _/_ bħala parti mis-somma llum, u d-differenza ta' € 8,152,81 lira Maltin (Lm 3,500) jitħallsu € 103.96 / Lm 44.63.*"

12. Inoltre filwaqt li l-intimat Kurt Cassar jgħid illi huwa deher fuq il-kuntratt biex "taparsi" jixtriha hu (peress li missieru kienu għadu jidher li kellu x'jagħti lir-rikorrenti fuq vettura oħra li xtara fil-passat – inċidentalment karozza li kienet mixtrija lit-tifel tieghu Kurt Cassar, u li però eventwalment tħallset), Charles Bianco jgħid illi Kurt Cassar deher bħala *"guarantor".*

13. Skond l-Artikoli 1003 u 1005 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

    '1003. Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet.'

    '1005. Il-kliem li jista' jfisser ħaġa u oħra għandu jiftiehem fis-sens li l-iżjed jaqbel mal-oġġett tal-kuntratt.'

---

[10] Fol 44

14. Il-Qorti tqis li minn imkien ma' jidher illi l-intimat Kurt Cassar kien qed jidher bħala garanti ta' xi ħadd u peress illi l-garanzija trid tkun espressa u ma' tistax tiġi preżunta[11], il-Qorti qed tiskarta din il-possibilità. Il-Qorti tikkunsidra ukoll illi għalkemm huwa l-intimat Kurt Cassar biss li ffirma għall-kumpraturi, madanakollu fiċ-ċirkostanzi u in vista ukoll tal-ammissjoni tal-intimat l-ieħor Martin Cassar, jidher li l-intenzjoni kienet illi jkunu ż-żewġ intimati li jiffirmaw l-kuntratt u li Martin Cassar ma' ffirmax biss sabiex ma' jkunx hemm problemi amministrattivi fis-sistema (!) tar-*records* adoperata mir-rikorrenti. Għalhekk il-Qorti sejra tqis illi l-kuntratt sar bejn il-kumpanija rikorrenti u l-intimati entrambi. Inoltre il-Qorti ser toqgħod fuq is-somma ta' €8,152.28 bħala l-prezz miftiehem peress illi hija din is-somma eżatta li toħroġ mir-rendikont u l-iskeda tal-amortizzazzjoni esebita minn Charles Bianco apparti li hija ukoll l-ammont ekwivalenti għas-somma indikata f'Liri Maltin ta' Lm 3,500[12].

15. Il-Qorti ma' tistax ma' tissenjalax illi dawn in-nuqqasijiet, żbalji jew ambigwitajiet, ma' jirriflettu xejn tajjeb fuq il-kumpanija rikorrenti. L-istess jingħad fir-rigward tal-ittra uffiċjali ppreżentata taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12. Din la nħarġet kif suppost u lanqas tindika n-numri tal-karta tal-identità tal-intimati b'mod korrett. Dan l-iżball imbagħad ġie ripetut f'din il-kawża u l-ebda korrezzjoni ma' ntalbet minkejja li l-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet. L-istess jingħad dwar is-somma mitluba fil-kawża li kif ser jingħad fil-paragrafi sussegwenti diġà tinkludi fiha element ta' imgħax apparti xi spejjeż. Huwa intollerabbli illi parti tippreżenta ruħha quddiem il-Qorti b'traskuraġni daqstant kbira u tippretendi imbagħad illi l-Qorti tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tagħha. Dan lanqas m'huwa ta' ġieħ għal min suppost qed jiggwidaha legalment.

**Riżultanzi**

16. Fir-rigward tal-ammont mitlub ta' €10,930.85 jidher ċar mid-dokument CB2 esebit minn Charles Bianco[13] li dan jinkludi ukoll l-imgħaxijiet bir-rata ta' 7.3% fis-sena, *"legal expenses"* ta' €396.85, *"administrative charges/Final Notices & other expenses..." ta' €511.69* u saħansitra *"interest on overdue accounts ... @8%=€742.32".*

17. L-ispejjeż indikati ma' ġewx ippruvati u għaldaqstant sejrin jiġu skartati, Inoltre peress illi effettivament ir-rikorrenti qed titlob imgħax fuq somma li tinkludi fiha

---

[11] Art.1929, Kap. 16
[12] Fol 25 *et . seq.*
[13] Fol 35

diġà l-imgħax, mingħajr l-ebda aċċertazzjoni ġudizzjarja *ad-hoc* jew ftehim f'dan is-sens[14], il-Qorti sejra telimina l-element tal-imgħax mill-komputazzjoni tagħha tal-ammont dovut. Imbagħad l-imgħax korrett jkun jista' jiġi kkalkolat u miżjud mas-somma kapitali stabbilita mill-Qorti.

18. Minn Dok CB2[15] jirriżulta s-segwenti:

    1. L-intimati laħqu ħallsu €3,405.60 sat-33 ġimgħa tal-perjodu li matulu kellhom jħallsu lura l-prezz tal-vettura. Dan l-ammont jinkludi fih ukoll l-imgħax bir-rata ta' 7.3% fis-sena. L-ammont li tħallas mis-somma kapitali kien filfatt € 1,952.53.

    2. L-intimati ma' baqgħux iħallsu mill-34 ġimgħa 'l quddiem u b'hekk sal-ġurnata tal-lum il-bilanċ tas-somma kapitali huwa dak ta' **€6,199.75.**

19. Fuq dan l-ammont kapitali, l-imgħax bir-rata ta' 8% fis-sena beda jiddekorri mid-data ta' meta l-ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-intimati, liema data għal kull bwon fini ma' tirriżultax mill-proċess. F'dan ir-rigward l-Art 1141 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

    '1141. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.

    (2) F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.'

**Deċiżjoni**

20. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat Kurt Cassar, tilqa' t-talba tal-kumpanija rikorrenti *in parte* u dan billi:**

---

[14] Art. 1142 – Kap. 16
[15] Fol 27

1. **Tiddikjara illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' sitt elef mija disa' u disgħin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€6,199.75),**

2. **Tikkundanna lill-intimati jħallsu din is-somma lir-rikorrenti bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta' meta l-ittra uffiċjali bin-numru 17/2018 ġiet notifikata lill-intimati sad-data tal-effettiv pagament.**

3. **L-ispejjeż tal-ittra uffiċjali jitħallsu mill-intimati. L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal kwart (1/4) mill-kumpanija rikorrenti u r-rimanenti tlett kwarti (3/4) mill-intimat Kurt Cassar biss.**

V.G. Axiak
Maġistrat

M. Azzopardi
Dep. Reġistratur